MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 738/1999/1

**Raymond Farrugia**

**-vs-**

**Vanessa Farrugia f' isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Miguel[1] Farrugia;**
**U b' digriet tal-25 Frar 2003 Dr. Martin Fenech u l-P. L. Liliana Buhagiar gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri Miguel Farrugia;**
**U bl-istess digriet gie kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti;**

[1] L-isem tal-minuri gie korrett minn "Nigel" ghal "Miguel" in forza tad-digriet moghti mill-Qorti fis-27 ta' Jannar 2003.

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-26 ta' Marzu 1999 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenuta, mart l-attur welldet tarbija fid-9 ta' April 1998 skond kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 1914/98 anness ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkat Dok. A, minn fejn jirrizulta wkoll li hemm registrat l-attur bhala missier it-tarbija, u ghalhekk it-tarbija ggib l-isem ta' Miguel[2] Farrugia;

Premess illi fil-fatt l-attur mhux genetikament missier it-tarbija, u minn issa lest li jissottometti ruhu ghal kull ezami xjentifiku halli jigi stabbilit li huwa mhux missier it-tarbija Miguel[3] Farrugia;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-attur mhux missier t-tarbija Miguel[4] Farrugia li l-konvenuta welldet skond kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' l-istess tarbija li jgib in-numru 1914/98 u konsegwentment li kull fejn hemm registrat li l-attur huwa missier l-imsemmija tarbija ghandu jigi kancellat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fis-17 ta' Jannar 2000 mill-konvenuta *proprio et nomine* illi fiha hija eccepiet:-

---

[2] [3] [4] L-isem tal-minuri gie korrett minn "Nigel" ghal "Miguel" in forza tad-digriet moghti mill-Qorti fis-27 ta' Jannar 2003.

1. Illi fl-ewwel lok, il-gudizzju mhux integru stante illi t-talba attrici illi, bhala konsegwenza tac-cahda tal-paternita` tieghu, ghandha tigi kancellata kull referenza illi turi lill-attur bhala missier il-minuri, tirrikjedi per necessita`, il-presenza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, ai termini tas-subinciz (4) ta’ l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili;

2. Illi, fit-tieni lok, il-kawza fl-ismijiet fuq premessi ma gietx intavolata korrettement ai termini tal-paragrafu (b) tas-subinciz (1) ta’ l-Artikolu 75 tal-Kodici Civili, illi jirrikjedi illi kawza sabiex ticcahad il-paternita’ ghandha titmexxa, meta t-tifel ikun taht l-eta`, kontra kuratur li jigi mahtur mill-istess Qorti, kif ukoll kontra l-omm, li trid tkun dejjem parti fil-kawza ai termini tas-subinciz (2) ta’ l-istess Artikolu;

3. Illi, fit-tielet lok, isem il-minuri, iben l-eccipjenti huwa Miguel u mhux Nigel, skond kif jidher mill-Estratt tac-Certifikat tat-Twelid relattiv, li kopja tieghu hi annessa u esibita ma’ l-istess nota u mmarkata bhala Dok. VF1, u ghalhekk jidher li hemm lok ghall-korrezzjoni relattiva fl-att tac-Citazzjoni;

4. Illi, fir-raba’ lok, l-eccipjenti tammetti illi l-attur mhux missier il-minuri;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta *proprio et nomine*, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Jannar 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi;

Rat il-provvediment moghti minn din il-Qorti fid-9 ta’ Dicembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur inghata xahar zmien biex iressaq l-att opportun li fih ghandu jindika l-korrezzjonijiet li behsiebu jitlob fl-att tac-citazzjoni

biex din tigi konformi mad-dispost ta' l-Artikolu 75 u l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Frar 2003 moghti in segwitu tar-rikors opportun ta’ l-attur, li bih gie kjamat in kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku, u gew nominati Dr. Martin Fenech u l- P. L. Liliana Buhagiar bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri Miguel Farrugia;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ntavolata fil-15 ta’ April 2003 li permezz taghha huwa eccepixxa:

1. Illi peress illi din it-talba ta’ denegata paternita` giet intavolata iktar tard minn sitt xhur wara t-twelid tat-tarbija, izda fi zmien sitt xhur wara li l-attur gie mgharraf mill-omm bit-twelid tat-tarbija, biex tkun tista’ tigi prosegwita din il-kawza jehtieg qabel xejn prova ta’ qerq skond l-Artikolu 73(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk il-provi xjentifici li jkunu opportuni, ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi l-intavolar ta’ din il-kawza mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-esponent li ghaldaqstant m’ ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati pprezentata fl-24 ta’ Gunju 2003 li permezz taghha huma eccepew:

1. Illi huma ghadhom mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrizervaw illi jirrispondu f' aktar dettal u precizjoni fi stadju ulterjuri;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Novembru 2003 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarja Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet li kien fadal;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xiehda moghtija;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Hi presunzjoni legali sancita fl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili illi "l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu". B' disposizzjonijiet ohra pero`, fosthom dik tad-denegata paternita`, il-ligi tikkoncedi d-dritt li l-presunzjoni appena affermata tigi impunjata. Hekk bis-setgha ta' l-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 il-ligi taghti lir-ragel ta' l-omm id-dritt ta' azzjoni biex jiddiskonoxxi t-tifel imnissel matul iz-zwieg;

Fost l-ipotesijiet prevvisti b' dan l-ahhar imsemmi artikolu hemm dak stabbilit bil-paragrafu (d) tas-subinciz (1) fejn ir-ragel jehtieglu jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tlitt mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, martu kkommettiet adulterju <u>jew</u> hbietlu t-tqala taghha u t-twelid

tat-tifel. F’ kazijiet bhal dawn ir-ragel hu ammess li jipprova illi t-tifel ghandu karatteristici genetici jew sangwineji nkompatibbli ma’ dawk tieghu bhala l-missier presuntiv jew permezz ta’ kull fatt iehor tendenti ghall-eskluzjoni tal-paternita` attribwita lilu;

Dan l-artikolu tal-ligi taghna jidher li hu modellat fuq l-Artikolu 235 tal-Kodici Civili Taljan, u proprju fil-kuntest tan-norma appena espressa gie osservat illi “*la nuova formulazione dell’ articolo in commento al fine di ammettere il marito a provare ogni altra circostanza tendente ad escludere la paternita`, non usando la congiunzione “e” considera sufficiente la dimostrazione o dell’ adulterio o dell’ occultamento della gravidanza e della nascita.*” - **Corte di Cassazione, 20 ta’ Frar 1992**;

F’ dan l-istess sens hi d-decizjoni ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “**Joseph Vincenti -vs- Concetta Vincenti *et***”, 28 ta’ Frar 2003;

Issa ghal dawk li huma l-fattezzi saljenti tal-kaz prezenti dawn jistghu jigu rijassunti kif gej:

(1) Il-koppja Farrugia zzewgu fis-16 ta’ Mejju 1991. Xi sena u nofs wara, skond ma jirrakkonta l-attur (fol. 19), intemm kull rapport bejniethom, kompriz allura dak sesswali. Fil-bidu tas-sena 1995 il-koppja sseparat *de facto* bir-ragel jissokta jabita fid-dar konjugali u martu ssib sistemazzjoni band’ ohra fil-Qawra;

(2) Hu ammess mill-konvenuta (fol. 20) illi hi kellha relazzjoni adulterina ma’ certu Charlie Calleja u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri iben Miguel. Effettivament, jirrizulta illi dawn bdew jghixu flimkien minn xi ftit ta’ zmien wara li l-konvenuta telqet mid-dar konjugali. Dawn il-fatti huma sostnuti u korroborati mix-xhud Charlie Calleja (fol. 23), li ssokta jzid li l-minuri hu mantenut minnu;

(3) Il-koppja Farrugia sseparaw definittivament fil-21 ta’ Novembru 1997 mentri l-minuri twieled fid-9 ta’ April 1998;

(4) L-attur jistqarr in kontro-ezami illi martu hbietlu kemm it-tqala kif ukoll it-twelid u li hu sar jaf bit-twelid tat-tarbija minghand habib tieghu li tgharraflu dwar dan il-fatt xi sena fuq it-twelid ta’ l-imsemmi minuri. Dan gie lilu konfermat ftit wara minn martu stess li talbitu jiffirmalha dokument ghall-iskop ta’ otteniment ta’ passaport. Il-konvenuta tikkonferma dan u zzid tikkonfessa illi hi hbiet minn zewgha kemm it-tqala kif ukoll it-twelid ghax fi kliemha stess “ma ridtux isir jaf”;

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku ssolleva l-pregudizzjali illi biex jirnexxi f’ din l-azzjoni l-attur ghandu qabel xejn jipprova illi hu ppropona l-azzjoni tieghu fit-terminu statutorju ta’ sitt xhur minn dak inhar li jikxef il-qerq, gjaladarba inghad li t-twelid gie mohbi lilu. Dan kif irid u jiddisponi l-Artikolu 73(c) tal-Kodici Civili;

Ma huwiex dubitat illi l-istatus ta’ iben legittimu jinsorgi prezuntivament mit-twelid. Li jfisser allura illi t-terminu ta’ dekadenza ghall-ezercizzju ta’ l-azzjoni jiddekorri mid-data ta’ l-istess twelid. Dan sakemm ma jkunx celat lir-ragel ta’ l-omm it-twelid ta’ l-istess tifel. F’ sitwazzjoni bhal din, kif gja fuq intqal, it-terminu jibda ghaddej mill-mument li hu jkollu konoxxenza tat-twelid;

Fejn tinsorgi l-eccezzjoni illi t-terminu ta’ l-azzjoni ma giex rispettat il-prova dwar dan il-fatt tiggrava fuq il-parti li tkun eccepitha. Minn dak traccjat fil-kontro-ezamijiet li saru, kemm ta’ l-attur kif ukoll tal-konvenuta, din il-Qorti tislet dawn l-osservazzjonijiet:

I. Omm it-tarbija jidher li okkultat mill-attur kemm il-koncepiment kif ukoll it-twelid tat-tarbija;

II. Dan il-habi ghamlitu b’ mod koxjenti u volontarju;

III. Anke kieku stess l-attur kellu indizzju minn ghejdut in-nies illi martu kienet tqila dan huwa ghal kollox irrilevanti ghax dak li unikament jghodd skond il-vot tal-ligi hija l-konoxxenza tieghu tat-twelid;

IV. Jirrizulta illi l-attur effettivament sar jaf bit-twelid tat-tarbija cirka sena fuq it-twelid taghha, u allura ghal finijiet tat-terminu hi din in-notizja li tghodd;

Dan premess allura ma jwassalx biex isostni l-eccezzjoni moghtija tad-dekadenza ta' l-azzjoni u, anzi, il-Qorti hi sodisfatta li l-azzjoni giet esperita fit-terminu legali preskritt fil-Kodici Civili;

Hekk ukoll il-Qorti hi sodisfatta illi l-attur inekwivokabilment irnexxielu jiddemostra l-impossibilita` ta' xi rabta tieghu mar-rapport ta' paternita`. Dan bil-prova inkonfutata ta' l-adulterju ta' martu kif ukoll bil-prova tan-nuqqas ta' relazzjoni jew kuntatt maghha mill-perjodu li fih martu allontanat ruhha mid-dar konjugali. U ghaliex le, ukoll bil-prova tal-fatt tal-habi tat-tqala u tat-twelid tat-tarbija. Prova din ohra ta' fatt konkomitanti, idonea biex teskludi l-paternita` ta' l-attur;

Raggunta din il-konkluzjoni l-Qorti ma tistax pero` fuq l-Att tat-Twelid tat-tifel tissostitwixxi ghall-attur lill-imsemmi Charlie Calleja, missier biologiku tal-minuri. Dan ghaliex dan ma giex mitlub u inoltre l-istess Charlie Calleja ma giex citat ukoll f' din il-procedura u b' hekk l-azzjoni ma saritx ukoll fil-kontraddizzjoni tieghu. Dan hu naturalment spjegabbli mill-fatt illi l-interess ta' l-attur jikkonsisti fl-otteniment ta' dikjarazzjoni gudizzjarja illi hu ma huwiex missier it-tifel.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tiddikjara illi l-attur ma huwiex il-missier tat-tifel minuri Miguel li twieled fid-9 ta' April 1998;

Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel ir-rettifikazzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-istess minuri Numru ta' Registrazzjoni 1914/98 li kopja tieghu giet esebita a fol. 5 tal-process billi minnu thassar kull referenza ghall-attur bhala missier it-tarbija u l-konnotati l-ohra tieghu u minflok jigi sostitwit ghalih il-kliem "missier mhux maghruf". Il-Qorti tordna wkoll illi mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm ghandhom jithassru l-kliem "the said";

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta Vanessa Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------